# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 20**

**Citazzjoni numru 158/04 RGM**

**Mary Aida Schembri**

**v.**

**Paul Schembri**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici Mary Aida Schembri mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [l-ewwel Qorti] fis-26 ta' Mejju 2016, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut; cahdet it-tieni talba salv ghall-arretrati ta' manteniment pagabbli mill-

konvenut filwaqt li rrizervat a favur tal-attrici d-dritt li fil-futur titlob manteniment minghand zewgha f'kaz li jirrizulta li l-konvenut rega' beda jahdem; laqghet it-tielet talba u applikat kontra l-konvenut is-sanzjonijiet u l-effetti kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici; laqghet il-hames talba u ddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet; laqghet is-sitt talba u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti; laqghet ukoll is-seba' talba attrici u ordnat id-divizjoni u assenjazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti; cahdet it-tmien talba u d-disa' talba u ffissat terminu ta' tliet xhur biex l-attrici tivvaka d-dar matrimonjali; u laqghet l-ghaxar talba u ordnat ir-registrazzjoni tas-sentenza appellata fir-Registru Pubbliku, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Mertu**

2. Din hija kawza ghal separazzjoni personali fejn il-vertenza principali bejn il-partijiet tikkonsisti primarjament, jekk mhux esklussivament, fil-manteniment pretiz mill-attrici minghand zewgha u fil-mod kif ghandha ssir il-qasma bejn il-partijiet tal-fond matrimonjali. Filwaqt illi r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg giet assenjata esklussivament lill-konvenut u ma sarx appell minn dan il-kap tas-sentenza, jirrizulta wkoll illi l-kwistjoni dwar manteniment, kura u kustodja u access ghal iben iz-zghir tal-partijiet, giet sorvolata minhabba

illi huwa lahaq l-eta` maggorenni fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

3. Originarjament, permezz ta' digriet moghti mis-sekond'awla tal-Qorti Civili, il-konvenut kien gie kkundannat *inter alia* jhallas lill-martu s-somma ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120) fix-xahar bhala manteniment ghaliha, liema obbligu gie sospiz b'effett mit-13 ta' Mejju 2009, permezz ta' digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-12 ta' Jannar 2010, wara li l-konvenut gie certifikat illi mhux iktar kapaci jahdem minhabba problemi f'dahru u gie "boarded out". Sussegwentement, permezz ta' Digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2010, l-obbligu tal-konvenut li jhallas l-arretrati tal-manteniment dovuti sa April 2009 lill-attrici in linea ta' manteniment ghaliha u ghal binhom Oliver, ukoll gie sospiz.

4. L-attrici oggezzjonat persistentement ghad-decizjoni li ssospendiet l-obbligu tal-konvenut li jivversalha manteniment u ssostni li mhux minnu li l-konvenut ma huwiex kapaci ghax-xoghol. L-attrici trid ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dawk l-arretrati tal-manteniment li akkumulaw fil-perijodu fejn il-konvenut kien waqa' lura mill-hlasijiet tal-manteniment qabel l-obbligu tieghu ghall-istess hlas gie sospiz kif premess. Inkwantu ghall-fond matrimonjali, l-attrici ssostni li dan ghandu jigi diviz fizikament bejn il-partijiet stante illi l-fond huwa komodament divizibbli f'zewg porzjonijiet ugwali, u stante wkoll illi l-

konvenut kien qabel espressament fl-atti ta' din il-kawza, illi l-fond matrimonjali jista' u ghandu jigi diviz f'zewg porzjonijiet.

5. Il-konvenut fid-difiza tieghu jinsisti illi huwa jinsab prekluz milli jahdem bi qliegh minhabba l-problemi u ugiegh f'dahru, kif *del resto* debitament certifikat, u ghalhekk ma ghandux jigi kkundannat ihallas ebda manteniment ghall-attrici nnifisha, hlief dawk l-arretrati tal-manteniment li jirrizultaw talvolta dovuti ghal dak il-perjodu meta ma setax ilahhaq ma' l-obbligi tieghu minhabba tnaqqis fl-introjtu tieghu appuntu minhabba l-istess problemi ta' sahha. Il-konvenut isostni wkoll illi fic-cirkostanzi prevalenti u korrenti tal-partijiet, ma ghadux fattibbli li l-fond matrimonjali jigi maqsum f'porzjonijiet indaqs u jinsisti illi sehem kull wahda mill-partijiet ghandu jigi likwidat bil-bejgh tal-fond u l-qsim tar-rikavat tal-bejgh bejn il-partijiet.

**Is-Sentenza Appellata**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

> "Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti thoss illi x-xhieda dettaljata ta' l-attrici dwar il-biza illi hija kellha mill-konvenut u dwar l-atteggjament vjolenti u aggressiv tieghu lejha u lejn uliedha, li giet korroborata minn hutha, timmerita piz konsiderevoli f'dawn il-proceduri. Hija tirrakkonta episodji ta' agir aggressiv u irragjonevoli da parti ta-konvenut, mhux biss lejha izda wkoll lejn uliedhom. Jinghad ukoll li ex admissis, il-konvenut irrenda ruhu hati wkoll ta' adulterju ma' certu Maryanne Fenech. Ghalkemm ma huwiex car meta nbdiet din ir-relazzjoni in kwantu l-

attrici tghid li bdiet fis-sena 2005, mentri l-konvenut jghid li bdiet xhur wara li telaq mid-dar fis-sena 2008, din il-Qorti hija konvinta illi din ma kinitx wahda mill-kawzi determinanti tal-firda bejn il-partijiet. Fil-fatt, koncess illi tali relazzjoni klandestina bdiet tassew fis-sena 2005, jinghad bla dubju illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ga marret il-bahar tant li kienu diga` gew istitwiti dawn il-proceduri.

“Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut, bil-komportament aggressiv tieghu, abitwali, fil-konfront ta’ martu u ta’ uliedu, kien irrenda l-konvivenza matrimonjali nsopportabbli ghall-attrici. Din il-Qorti ma teskludiex illi l-attrici seta` kellha attitudni negattiva u kif jghid il-konvenut – kienet tara kollox iswed – u ghalhekk ikkontribwiet ghar-relazzjoni malsana li zviluppat bejn il-partijiet, izda dan ma jista` qatt jiggustifika l-agir vjolenti u aggressiv da parti tal-konvenut.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, b'tort preponderanti tal-konvenut, in kwantu rrenda ruhu hati ta' sevizzi u ngurji gravi skont l-Artiklu 40 tal-Kap 16, li rrendew il-hajja matrimonjali wahda impossibbli. Il-vjolenza domestika hija kkonsidrata bhala wahda mir-ragunijiet gravi li jwasslu ghat-tkissir irrimedjabbli ta’ zwieg. It-tkissir taz-zwieg tal-partijiet gie ssigillat bir-relazzjoni adultera tal-konvenut. Il-Qorti tordna li ghandhom japplikaw fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet u l-effetti kollha kkontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**“Manteniment**

“Illi permezz ta’ digriet[1] moghti mis-Sekond' Awla fit-28 ta’ Novembru 2002, il-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta’ LM120 [illum €279.52], u LM100 [illum €233] ghal binhom iz-zghir, dak iz-zmien minuri.

“Illi f'Mejju 2007, il-konvenut wegga` daru u in vista tal-fatt illi ma kienx qieghed jattendi ghax-xoghol u kien qed jippercepixxi somma inferjuri ghall-manteniment li kien obbligat ihallas, permezz ta' rikors datat 19 ta' Lulju 2007, huwa talab lill-Qorti tissospendilu l-obbligu li jhallas manteniment sakemm jidhol lura ghax-xoghol. Permezz ta' digriet tas-6 ta' Marzu 2008, il-Qorti cahdet it-talba izda ghat-tliet xhur ta' wara rriduciet il-manteniment b'€46.59 gja LM20.

“Illi fit-13 ta' Mejju 2009 il-konvenut gie *boarded out* b'effett mill-5 ta' April 2009, u fit-12 ta' Jannar 2012, il-Qorti ordnat illi l-obbligu li jhallas manteniment ghall-attrici jkun sospiz mit-13 ta' Mejju 2009, izda mill-istess data huwa gie obbligat ihallas LM94 (€218.96) bhala manteniment ghal ibnu dak iz-zmien minuri.

“Illi b'rikors datat 6 ta' Lulju 2010, il-konvenut irrikonoxxa illi l-arretrati ta' manteniment pagabbli lil martu kienu jammontaw ghal €7299, u l-Qorti

[1] Fol 8

laqatlu t-talba sabiex l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment jigi sospiz.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici tissottometti illi hemm lok illi il-manteniment dovut lilha ghal hames snin li ghaddew jigi kkalkolat *arbitrio boni viri* sabiex l-ammont totali dovut lilha jkun ta' €35,000. Titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa alimenti mensili ta' €350 fix-xahar ghall-bqija ta' hajjitha, rivedibbli skont ic-cirkostanzi tal-konvenut.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid illi anke l-hlasijiet ta' manteniment ghal binhom minuri baqghu irregolari u meta ghalaq it-tmintax-il sena waqfu ghal kollox. Jidher illi filwaqt li t-tifel il-kbir jahdem, iz-zghir baqa` jistudja u almenu sa Frar 2011 kien ghadu jistudja l-MCAST.[2]

"Da parti tieghu, il-konvenut fin-nota tieghu ma jaghmel ebda sottomissjoni fir-rigward ta' manteniment.

"Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li z-zewg partijiet jghixu bl-ghajnuna socjali. Mill-provi rrizulta illi l-konvenut jippercepixxi madwar €575[3] kull erba` gimghat filwaqt illi l-mara fl-2011 kienet tippercepixxi madwar €336[4] kull erba` gimghat. Jirrizulta wkoll illi z-zewg partijiet ghandhom problemi ta' sahha li ma tippermettilhomx li jiggeneraw introjtu b' xoghol stabbli u regolari, kemm fir-rigward ta' l-attrici, kif ukoll fir-rigward tal-konvenut li fis-sena 2009 gie dikjarat inkapaci b' mod permanenti ghal xoghol xieraq.

"L-attrici qed tikkontendi li l-problemi ta' sahha tal-konvenut huma *messa in scena* u li huwa xorta ghandu ntrojtu minn xi xoghlijiet li jaghmel b'mod klandestin u ghalhekk ghandu jhallasha manteniment. Issostni wkoll li, gjaladarba hu qieghed f'posizzjoni illi jsuq mutur u jixxabbat fuq dghajsa, allura huwa kapaci li jahdem u jiggenera ntrojtu.

"Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-attrici naqset milli tressaq provi li jsostnu il-pretensjoni taghha fir-rigward. Kellha kull opportunita' illi titlob in-nomina ta' espert mediku, pero' dan ma sarx. Skont il-provi mressqa mill-konvenut huwa gie dikjarat mill-Bord Mediku taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali bhala li ma hux kapaci jahdem. Ix-xhieda tal-attrici sabiex issostni t-tezi taghha li l-konvenut kapaci jahdem ma jwasslux sal-grad tal-prova mehtiega sabiex ixxejjen il-provi tal-konvenut fir-rigward. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-konvenut ma hux f'posizzjoni li jivversa manteniment lill-attrici.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li *rebus sic stantibus* it-talba sabiex tigi stabbilita retta alimentari ghall-attrici ma timmeritax li tigi milqugha.

[2] Vide xhieda in kontro-ezami tal-attrici a fol 606
[3] Vide Dok A mar-risposta tal-konvenut ghar-rikors tal-attrici tal-11 ta' Ottubru 2013
[4] Vide Dok AS1 a fol 603

"Rigward l-arretrati ta' manteniment dovuti lill-attrici jirrizulta li hemm qbil dwar is-somma ta' €7299 li kienu dovuti sa l-ahhar ta' April 2009, izda ma jirrizultax qbil dwar l-ammonti minn dakinhar 'l quddiem.

"Tenut kont tad-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2009; tenut kont ukoll li ghalkemm fl-2010 it-tifel lahaq l-eta` maggorenni huwa baqa`, ghal zmien mhux maghruf, jistudja; tenut kont tal-fatt illi l-attrici ghamlet zmien twil tippercepixxi ftit jew xejn ghajnuna finanzjarja da parti tal-konvenut, izda tenut kont ukoll tal-kundizzjoni ta' sahha tal-istess konvenut li permezz taghha spicca jghix fuq l-ghajnuna socjali, il-Qorti qieghdha tiffissa *arbitrio boni viri* l-ammont totali ta' hmistax-il elef Euro (€15,000) bhala arretrati ta' manteniment illi huma dovuti da parti tal-konvenut lill-attrici, liema somma pero' ghandha tigi ppercepita meta jinbiegh il-fond matrimonjali kif ser jigi ordnat aktar 'l isfel.

**"Komunjoni tal-Akkwisti**

*"Dar Matrimonjali – 27, Triq il-Hawlija, Mgarr*

"Illi bla dubju ta' xejn din tikkostitwixxi s-suggett principali tal-kontestazzjonijiet bejn il-partijiet.

"Jidher illi attwalment, il-posizzjoni tal-partijiet dwar id-dar matrimonjali hija drastikament opposta. Kien hemm zmien meta z-zewg partijiet kienu qed jaqblu illi din tigi diviza f'zewg fondi separati. Kien hemm ukoll zmien, bhal per ezempju waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-3 ta' Ottubru 2012 meta kienu qed jesploraw il-possibilita` ta' separazzjoni bonarja, fejn dehru li kienu qed jaqblu li din tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom. F'dan l-istadju pero` jidher li filwaqt illi l-attrici qed tinsisti li l-fond ghandu jigi diviz f'zewg units, il-konvenut qieghed jiffavorixxi l-bejgh tal-istess fond.

"Il-konvenut qieghed jipprotesta ghall-qsim tal-fond f'zewg appartamenti separati minhabba tliet ragunijiet principali: minhabba l-ispiza nvoluta sabiex isiru x-xoghlijiet; minhabba l-ammont ta' zmien necessarju sabiex isir il-process kollu, mill-permessi sax-xogholijiet per se, kif ukoll minhabba l-ostilita` u n-nuqqas ta' koperazzjoni bejn il-partijiet b'mod partikolari in vista tal-fatt illi l-antagonizmu ta' bejn il-partijiet jiccentra principalment fuq id-dar matrimonjali.

"Din il-Qorti qieset bir-reqqa ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba[5] kif ukoll in-noti tieghu in eskussjoni[6]. Qieset ukoll ix-xiehda tar-rapprezentant tal-Awtorita` tad-Djar, li minnha emerga illi tali divizjoni tal-propjeta` hija possibbli in kwantu kien hemm kaz iehor fejn dan sar.[7] Izda, tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax ma taghtiex piz lill-preokkupazzjonijiet imressqa mill-konvenut in rigward tal-eventwali

[5] Fol 688

[6] Fol 713 u 714

[7] Vide xhieda ta' Mario Magro mill-Awtorita` tad-Djar a fol 717 et seq

divizjoni fizika tal-fond matrimonjali. Dan jinghad principalment fl-isfond tal-fatt li x-xoghlijiet in kwistjoni mhux biss jirrikjedu z-zmien, b'dan illi jibqa`, jekk mhux jikber, l-antagonismu bejn il-partijiet tul il-process kollu mill-applikazzjonijiet ghax-xogholijiet necessarji li anke f'cirkostanzi normali huma kawza ta' inkwiet, izda wkoll ghaliex ix-xoghlijiet mehtiega sabiex fond immobiljari wiehed jinqasam fit-tnejn ma humiex zghar, tenut kont li z-zewg partijiet huma persuni li jiddependu mill-ghajnuna socjali ghall-ghixien taghhom,[8] L-ebda wahda mill-partijiet ma hija f'posizzjoni li tiffinanzja dawn ix-xogholijiet.

"Huwa minnu illi f'kaz illi d-dar tinbiegh lil terzi, il-partijiet ser ikollhom jikkumpensaw 25% tal-valur tal-art lill-Awtorita` tad-Djar[9] izda b'dan il-mod, il-partijiet, li it-tnejn, skont il-provi minnhom prodotti, jghixu bil-beneficcji socjali, ma jkollhomx ghalfejn johorgu hafna spejjez minn buthom. Inoltre, bid-dhul taghhom minn tali bejgh, it-tnejn li huma jkunu f'posizzjoni li jsibu akkomodazzjoni alternattiva, l-attrici tigi rimborsata dak dovut lilha mill-konvenut, u t-tnejn li huma jkunu jistghu jghixu hajja decenti.

"Ghalhekk, din il-Qorti tordna li l-fond matrimonjali jitpogga fis-suq hieles ghall-prezz ta' €359,000 u jinbiegh ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma ta' €325,000[10]. Kull parti tkun libera li wara l-iskadenza ta' sena minghajr ma jsir il-bejgh, titlob il-Qorti sabiex il-fond jinbiegh bis-subbasta u bhala valur tal-proprjeta' tittiehed is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin elf euro (€325,000).

"L-attrici ghandha tivvaka l-fond matrimonjali sa mhux iktar tard minn tliet xhur millum.

***"Mobbli***

"Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid inter alia illi l-ghamara li hemm fid-dar martimonjali, l-maggor parti ghamilha hu u din ghandha tinqasam bejn il-partijiet. Jghid ukoll illi hemm l-ghodda li xtara waqt iz-zwieg u li bi ftehim ma' martu jixtieq jaqsamha bejn iz-zewg uliedhom. Rigward il-van Mitsubishi u d-dghajsa, huwa jixtieq izommhom filwaqt li martu tigi kkumpensata bl-ghamara.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha a fol 668 et seq, l-attrici tissottometti li b'zieda mal-mobbli li semma` l-konvenut hemm ukoll mutur tal-hart u mutur tal-bexx, tramigjana ta' l-inbid u mutur tal-welding li ttiehdu mid-dar matrimonjali. Tissottometti wkoll illi l-ghodda li halla ma hijiex tajba. Hija jidrilha ghalhekk illi l-Qorti ghandha tiffissa *arbitrio*

[8] Fl-ahjar ipotezi ghall-partijiet, skont l-istima tal-Perit Saliba, hemm bzonn ta' mill-inqas €7100, u mhux €5500 kif gie sottomess mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.
[9] Vide xhieda ta' Carmen Azzopardi a fol 633 – 25% tal-valur attwali tal-art u mhux tal-prezz tal-bejgh tal-fond kif tissottometti l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.
[10] Hekk kien miftiehem bejn il-partijiet waqt li kienu qed jiddiskutu l-possibilita` ta' transazzjoni skont il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 quddiem il-Perit Legali a fol 441.

*boni viri* l-valur a' €20,000 ghall-mobbli illi ha l-konvenut u li l-attrici ghandha tigi assenjata nofs il-valur taghhom.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jichad illi ha xi oggetti minn god-dar matrimonjali u jghid li halla garage mimli ghodda. Jidirlu li l-oggetti gewwa d-dar ghandhom jigu maqsuma.

"Jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi d-dghajsa, l-mutur tal-hart, il-mutur tal-bexx u l-van Mitsubishi illi kollha huma appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti, jinsabu fil-pussess tal-konvenut.[11] Il-konvenut ghandu ghalhekk jikkumpensa lill-attrici b'nofs ir-rikavat mill-bejgh tal-imsemmija mobbli, jew nofs il-valur tal-istess.

"Dwar l-ghamara u oggetti ohra mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali, l-Qorti tordna li dawn l-oggetti jinqasmu bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur lill-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza.

*"Kontijiet tad-dawl u ilma*

"Rigward il-kontijiet tad-dawl u ilma koncernanti d-dar matrimonjali, din il-Qorti fid-dawl tad-digriet taghha tas-6 ta' Awwissu 2007[12] u fl-isfond tal-fatt illi mix-xhieda tal-konvenut stess, jirrizulta illi hu allontana ruhu b'mod permanenti mid-dar matrimonjali fis-sena 2008, qieghdha tiddeciedi illi l-arretrati, kontijiet u kwalsiasi spejjez ohra in konnessjoni mal-provvista tad-dawl u ilma fil-fond matrimonjali sal-ahhar tas-sena 2008, ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom filwaqt li mill-1 ta' Jannar 2009 'l quddiem, tali servizzi ghandhom jithallsu esklussivament mill-attrici.

**"Spejjez Gudizzjarji**

"In vista tar-responsabbilta` esklussiva tal-konvenut ghat-tifrik taz-zwieg, l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu akkollati lilu."

## L-Appell

7. L-attrici pprezentat l-appell taghha b'rikors datat 14 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata inkwantu ghat-tieni, is-sitt u d-disa' kap tal-istess sentenza u

[11] Vide verbal quddiem il-Perit Legali tat-3 ta' Ottubru 2012 a fol 441
[12] Fol 167

tikkonfermaha fil-kumplament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

8. L-aggravji tal-attrici jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti:- i) inkwantu ghat-tieni kap tas-sentenza appellata, l-attrici ssostni li l-ammont ta' manteniment li l-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici, kif likwidat *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti, huwa baxx wisq. L-attrici tilmenta illi l-fatt li l-konvenut gie certifikat li mhux tajjeb ghax-xoghol huwa biss messa in xena biex jahrab mir-responsabbilita` tieghu ghall-hlas tal-manteniment u ghalhekk hija ghandha tinghata wkoll retta alimentari ghall-futur; ii) inkwantu ghad-decizjoni fis-sitt kap tas-sentenza appellata li ordnat il-bejgh tal-fond matrimonjali, skont l-attrici din tammonta ghal esproprjazzjoni tal-proprjeta` tal-attrici, u hija wkoll *extra petita* stante illi ma saret l-ebda talba ghall-bejgh ta' dan il-fond. Di pju`, l-attrici ssostni li l-fond jirrizulta li huwa komodament divizibbli u ghalhekk kellu jinqasam skont ir-relazzjoni tal-A.I.C. Alan Saliba; (iii) inkwantu ghad-decizjoni fid-disa' kap tas-sentenza appellata, l-attrici tilmenta illi din ukoll hija *extra petita* stante illi l-ewwel Qorti ma gietx mitluba tordna lill-attrici tivvaka d-dar matrimonjali u ghalhekk trid illi l-Qorti tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tad-disa' talba taghha.

9. Ghal dan l-appell, il-konvenut ipprezenta risposta fit-22 ta' Awwissu 2016 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huwa sostna li l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

**L-Aggravji**

L-Ewwel Aggravju

10. L-ewwel aggravju tal-attrici huwa bbazat fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok, l-attrici tilmenta bil-fatt illi l-ewwel Qorti "*dehrilha li ghandha temmen lill-konvenut illi huwa ma kienx jahdem minhabba problemi medici u ma emmnitx it-tezi ta' l-attrici illi dan kien kollu messa in xena*." Skont l-attrici, din hija decizjoni hazina li ccahadha mid-dritt taghha illi tinghata retta alimentari ghall-futur, stante illi l-konvenut ghadu kapaci li jahdem.

11. Dan l-aggravju huwa evidentement dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. F'materja ta' apprezzament ta' provi, jigi ribadit[13] illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji[14]. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju*

[13] App.S 47/06 ***Therese Pace vs Camela Borg***, deciz 18 Lulju 2017
[14] App.C. ***Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil* et** 10/01/1995

*ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta."* [App.C. **Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001]. *"Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia."*[15]

12. Illi ghalhekk, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet in materja tal-kapacita` o meno tal-konvenut illi jahdem u jippercepixxi qliegh, izda ma rravizat xejn fl-atti li tista' tipperswadiha illi ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-konvenut ma huwiex f'pozizzjoni li jivversa manteniment lill-attrici. Fuq kollox, bhall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li tikkontradixxi effettivament ir-rizultanzi tac-certifikati medici esebiti mill-konvenut, ix-xhieda ta' Mr. Carmel Sciberras[16] u ta' George Cremona[17], kif ukoll id-decizjoni tal-Bord Mediku li ezamina lill-konvenut[18], u li jistghu hekk iwasslu lil din il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut jinsab f'qaghda ta' sahha biex jahdem bi qliegh. Certament il-Qorti ma tistax tqis, jew tasal

---

[15] App. **Attard v Direttur tas-Sahha**, 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S **Joseph John Parnis v Mary Parnis**, 31 Ottubru 2014.
[16] Xhieda tat-13 ta' Novembru 2008
[17] Xhieda tad-29 ta' April 2009 u tal-14 ta' Jannar 2010.
[18] Vide Dok. A u Dok. B a fol. 337 u 338.

ghal decizjonijiet abbazi ta' spekulazzjonijiet u kongetturi rizultanti minn ritratti u allegati episodji izolati.

13. Tajjeb li jigi senjalat ukoll li evidentement, l-ewwel Qorti mxiet b'mod ferm kawt u meqjus qabel hadet id-decizjoni *pendente lite* li tissospendi l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment tal-attrici. Infatti, ghalkemm l-ewwel talba tal-konvenut illi jigi sospiz l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-manteniment, saret b'rikors tieghu datat 19 ta' Lulju 2007, l-ewwel Qorti qieset din it-talba bhala wahda gustifikata biss wara sentejn u nofs[19], wara diversi rikorsi ohrajn ipprezentati mill-konvenut, wara li semghet ix-xhieda ta' diversi esperti medici *ex parte*, u fuq kollox, mhux qabel esigiet[20] u rat ic-certifikazzjoni tal-Bord mediku li ddikjara li l-konvenut ma huwiex tajjeb ghax-xoghol.

14. Inoltre, ma jistax ma jigix osservat illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attrici fl-appell taghha[21], jirrizulta illi l-konvenut rega' gie ezaminat mill-konsulent ortopediku tieghu Mr. C. J. Sciberras fl-24 ta' Ottubru 2013[22] li rega' ccertifika, *inter alia*, li l-konvenut ma huwiex kapaci jahdem ebda tip ta' xoghol. Lanqas ma hija korretta l-attrici fl-allegazzjoni taghha illi t-tliet snin li ghalihom il-konvenut gie moghti l-*invalidity pension*, skadew minghajr ma ngabet xi prova mill-konvenut li

[19] Digriet tat-12 ta' Jannar 2010.
[20] Digriet tas-16 ta' Dicembru 2008, a fol. 289.
[21] Pagna 5/6 a fol. 774/775
[22] Vide certifikat Dok B esebit mar-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Ottubru 2013.

dan it-terminu gie mgedded. Infatti, jirrizulta li l-konvenut ipprezenta Dok. A, li hija ittra datata 6 ta' Frar 2012[23] li effettivament tikkonferma illi l-pensjoni kontributorja percepita mill-konvenut sejra tkompli tigi mhallsa lilu b'effett mit-3 ta' Marzu 2012. Ghalkemm ma jidhirx illi l-hlas ta' din il-pensjoni rega' gie assoggettat ghal terminu ta' validita`, fil-kontro-ezami tieghu[24] l-konvenut ikkonferma illi d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali jibghat ghalih biex isirlu ezami kull tliet snin sakemm jaghlaq is-sittin sena. Fuq kollox jidher li dawn id-dokumenti u stqarrijiet ma gew ikkontestati b'ebda mod mill-attrici.

15. Il-konsiderazzjonijiet premessi jassumu aktar forza fid-dawl tal-fatt li fil-kaz odjern l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' whud mix-xhieda *viva voce*, inkluz dik tal-konvenut.

16. Finalment, ma jistax ma jigix osservat ukoll dawk l-ilmenti tal-attrici li jikkritikaw id-decizjoni li l-konvenut jigi '*boarded out'* mill-bord Mediku fi hdan il-Ministeru ghall-Politika Socjali, ma jiswewx quddiem din il-Qorti. Kwalunkwe lment li kellha jew ghad ghandha l-attrici dwar l-allegata *messa in xena* tal-fatt li l-konvenut jigi *'boarded out'*, messu gie indirizzat minnha lill-awtorita` li effettivament hadet id-decizjoni, fl-istadju opportun u fil-qafas tal-mekkanizmu pprovdut mil-legislazzjoni relattiva:

[23] Social Security Division.
[24] Udjenza tal-21 ta' jannar 2014, a fol. 650.

din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza f'dawn il-proceduri biex tistharreg id-decizjoni amministrattiva lamentata mill-attrici.

17. Ghalhekk, ferm il-premess, l-aggravju tal-attrici illi messha nghatat retta alimentari ghall-futur, inkwantu msejjes esklussivament fuq il-kritika taghha dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li temmen il-verzjoni tal-konvenut dwar l-inkapacita` tieghu illi jahdem u kwindi li jivversa manteniment, ma huwiex gustifikat u qed jigi michud.

18. Fit-tieni binarju ta' dan l-ewwel aggravju taghha, l-attrici tilmenta illi s-somma ta' €15,000 stabbilita *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti in linea ta' arretrati manteniment lilha dovuta, hija baxxa wisq. Huwa pertinenti f'dan il-kuntest illi jigi senjalat li fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ordnat illi s-somma ta' <u>€15,000 minnha likwidat in linea ta' arretrati tal-manteniment ghandha tithallas lill-attrici meta jinbiegh il-fond matrimonjali kif ordnat fl-istess sentenza</u>. L-attrici titlob li din id-decizjoni ghandha tigi <u>riformata billi tinghata ammont ta' alimenti ferm oghla minn dak li gie llikwidat</u>.

19. Madanakollu, ma jistax ma jigix osservat illi minkejja li l-attrici tilmenta illi s-somma likwidata f'dan ir-rigward hija baxxa wisq, hija naqset kompletament milli ssostni dan l-aggravju. Fuq kollox, l-attrici ma pprezentat l-ebda prospett u ma ghamlet l-ebda kalkolu kwalsiasi

dwar il-quantum tal-arretrati tal-manteniment li tippretendi li huwa dovut lilha, li jista' jghin lil din il-Qorti biex tqis il-fondatezza o meno ta' dan l-aggravju taghha. Huwa risaput illi:-

> "Il-Qorti tista' tillikwida kumpens *arbitrio boni viri* imbasta thares b'reqqa l-elementi kollha li johorgu mill-atti tal-kawza u tifforma l-fehma taghha fuq motivazzjoni logika li taghti hjiel xieraq ta' kif hi tkun waslet ghal dik il-likwidazzjoni. [PA **SMW Cortis Limited v. Grima**, 9 Novembru 2006]".[25]

20. Illi jirrizulta manifest illi fil-komputazzjoni taghha tal-ammont rapprezentanti l-arretrati tal-manteniment dovuti mill-konvenut, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament prudenti wara li qieset diversi fatturi[26], u ma naqsitx milli taghti motivazzjoni cara tal-kriterji li wassluha biex tillikwida l-ammont ta' arretrati. Ghalhekk, anke fin-nuqqas ta' tifsira cara da parti tal-attrici tal-motivazzjoni wara l-aggravju taghha, qed jigi deciz illi dan l-aggravju wkoll mhux gustifkat u konsegwentement qed jigi michud.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

21. Permezz tat-tieni aggravju taghha, l-attrici tilmenta illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali hija *extra petita* ghaliex ma saritilha l-ebda talba ghall-bejgh ta' dan il-fond. L-attrici ssostni wkoll illi l-ewwel Qorti kellha tordna d-divizjoni tal-fond

[25] Qorti Kostituzzjonali 33/2008, ***Carmelo Massa et v Direttur Akkomodazzjoni Socjali***, deciza 30 April 2012.
[26] Vide it-tielet paragrafu ta' pagna 8 tas-sentenza appellata, a fol. 764.

matrimonjali skont kif *del resto* maqbul bejn il-kontendenti u stante wkoll li jirrizulta li dan huwa komodament divizibbli.

22. In vena legali din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited v. L-Ghajn Construction Company Limited**[27], fejn citat b'approvazzjoni s-segwenti bran mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 1965 fl-ismijiet **Joseph Gatt v. Joseph Galea**:-

> "F'okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f'kawzi joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, *a meno che non si tratta* minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva *ex officio*." [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

23. F'dan il-kaz, jirrizulta manifest illi l-ordni ghall-bejgh tad-dar matrimonjali huwa kontemplat fis-sitt talba tal-attrici fic-Citazzjoni li fasslet u pprezentat hija stess f'din il-kawza, b'liema talba l-attrici testwalment talbet lill-Qorti:-

> "Tillikwida l-effetti kollha ta' l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet ugwali komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema zewg porzjonijiet ghandhom jigu assenjati f'sehem indaqs lil kull parti u dana kollu okkorrendo permezz ta' periti nominandi." [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

[27] Appell Civili 33/2011, deciz 11 ta' Gunju 2012.

24. Infatti, jirrizulta manifest illi fil-qafas tat-talba attrici appena citata, l-ewwel Qorti nghatat id-diskrezzjoni li tqis u tiddeciedi kif u b'liema mod ikun fl-ahjar interess tal-partijiet illi ssir il-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' sehemhom fil-komunjoni tal-akkwisti. Konsegwentement, meta l-ewwel Qorti ordnat il-bejgh tal-fond matrimonjali, kienet qed tagixxi ben entro il-limiti tal-parametri stabbiliti fit-talba tal-attrici stess ghall-qsim tal-assi tal-komunjoni. Ma giet identifikata ebda limitazzjoni fit-talbiet attrici li tipprekludi li l-likwidazzjoni ta' dan l-assi ssir bil-bejgh tal-fond jew bi kwalunkwe mezz iehor li l-Qorti jidhrilha xieraq, anzi jirrizulta li l-ewwel Qorti qaghdet fuq il-fatti kif stabbiliti u rrisolviet il-punt in kontestazzjoni u b'ebda mod ma marret oltre dak li kien dibattut u kkontestat bejn il-partijiet. Ghalhekk, dan l-aggravju ma huwiex gustifikat u qed jigi respint.

25. In effetti, wara li kkunsidrat u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz quddiemha, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-likwidazzjoni tal-assi konsistenti fil-fond matrimonjali ghandha ssir mhux billi l-fond jigi diviz fizikament f'zewg porzjonijiet izda billi l-istess fond jinbiegh u minflok ikun ir-rikavat li jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha li l-fond matrimonjali ma jinqasamx kif mitlub mill-attrici. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-qasma fizika tal-fond tista' ggib maghha c-certezza li jehtiegu l-partijiet biex fl-ahhar jirrizolvu darba ghal dejjem il-vertenzi bejniethom, liema vertenzi

ghalkemm jidher li jikkoncernaw esklussivament il-hlas ta' manteniment pretiz mill-attrici u d-divizjoni tal-fond matrimonjali, il-partijiet damu tnax-il sena shah biex jezawrixxu l-provi taghhom dwarhom. Il-fatt illi l-partijiet ma gharfux jaslu bejniethom fuq medda ta' tnax-il sena ghal ftehim bonarju dwar il-likwidazzjoni tal-uniku assi immobiljarju taghhom ma jawgura tajjeb xejn li jsibu l-ko-operazzjoni mehtiega biex iwettqu flimkien id-divizjoni fizika tal-fond matrimonjali.

26. Huwa wkoll id-dmir tal-Qorti li tevita taghti gudizzji u decizjonijiet li ma jkunux facilment ezegwibbli u li jsawru iktar incertezza, u appuntu f'dan il-kaz jidher li decizjoni ta' qasma fizika tal-fond fin-nuqqas ta' qbil taz-zewg partijiet, tohloq fiha nnifisha dewmien kif ukoll incertezza dwar id-decizjonijiet ancillari li eventwalment iridu jinghataw minn awtoritajiet diversi fil-qasam li, sintendi, ma humiex marbutin bis-sentenza tal-Qorti f'din il-kawza.

27. Inoltre, f'dan il-kaz partikolari, decizjoni illi l-fond matrimonjali jinqasam f'zewg porzjonijiet tqajjem ukoll diffikultajiet prattici ohrajn, fosthom il-fatt illi anke skont ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba d-divizjoni minnu proposta trid issir bi hlas ta' ekwiparazzjoni fis-somma ta' €20,000 kif ukoll bi hlas ta' diversi spejjez konnessi mal-kostruzzjoni u tlestija tax-xoghlijiet necessarji li jkollhom jitwettqu necessarjament biex tigi attwata d-divizjoni pretiza. Huwa stabbilit illi z-zewg partijiet

jghixu bil-beneficcji socjali: wahda miz-zewg vertenzi principali f'din il-kawza hija l-inkapacita` assoluta tal-konvenut li jhallas manteniment lill-martu, tant illi l-uniku mezz ravvizat kif jistghu jithallsu l-arretrati tal-manteniment dovuti lill-attrici, huwa mir-rikavat tal-bejgh tad-dar. Huwa ghalhekk difficli jekk mhux addirittura impossibbli, tirraviza kif l-istess partijiet jistghu jhallsu minn buthom l-ispejjez necessarji ghad-divizjoni u l-ekwiparazzjoni meta lanqas jezistu mezzi finanzjarji ghall-hlas tal-iktar obbligu bazilari tal-manteniment.

28. Din il-Qorti tqis ghalhekk illi fl-isfond tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif fuq riportati, l-ordni ghall-bejgh tal-fond matrimonjali hija necessarja biex tassigura ezekuzzjoni facli ta' dawk il-provvedimenti tas-sentenza li huma intizi biex kull parti tigi assenjata b'mod effettiv sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, u biex tevita opportunitajiet li jistghu jxekklu u jistultifikaw l-effikacja tal-ordnijiet gudizzjarji u jirrenduhom inezegwibbli.

29. Finalment, ma jistax ma jigix osservat illi, kif diga` accennat, l-ewwel Qorti ordnat illi s-somma ta' €15,000 minnha likwidata in linea ta' arretrati tal-manteniment dovuti lill-attrici ghandha tigi percepita minnha meta jinbiegh il-fond matrimonjali kif ordnat fl-istess sentenza. Ma jidhirx illi l-attrici, li kienet pjuttost cara fit-talba taghha ghar-riforma tad-decizjoni fuq it-tieni kap tas-sentenza, attakkat id-decizjoni illi l-arretrati tal-manteniment jithallsu lilha mal-bejgh tal-fond matrimonjali. Ferm il-

premess kif ukoll il-kunsiderazzjoni li ma ntwerewx ragunijiet tajbin biex tigi disturbata d-decizjoni tal-ewwel Qorti li d-divizjoni fizika tal-fond matrimonjali fic-cirkostanzi ma hijiex soluzzjoni prattika ghall-vertenza, tinsorgi l-problema illi, jekk ma jigix ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali, ma tistax tigi ezegwita l-ordni dwar il-hlas tal-arretrati tal-manteniment likwidat a favur tal-attrici fis-sentenza appellata. Il-Qorti trid tqis, naturalment, li ma taghtix ordnijiet li jikkontradixxu decizjoni li ormai hija *res judicata*.

30. Illi dwar l-argument tal-attrici illi l-konvenut kien accetta li ssir divizjoni fizika tal-fond matrimonjali fin-Nota ta' Eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-seduta quddiem il-Perit Legali tal-10 ta' Dicembru 2004, huwa evidenti li d-dikjarazzjoni konguntiva tal-10 ta' Dicembru 2004 saret mill-partijiet tnax-il sena qabel, f'cirkostanzi ferm differenti u addirittura qabel il-konvenut safa vittma tal-problemi ta' sahha li rrendewh inkapaci ghax-xoghol, u ghalhekk qabel iz-zewg partijiet spiccaw jghixu esklussivament bil-beneficcji socjali. Infatti, sussegwentement, l-attrici stess f'rikors minnha pprezentata fit-23 Awwissu 2005, stqarret hekk:-

> "… pendente lite kienet saret proposta ta' divizjoni ta' proprjeta` b'mod li kull parti tirrisjedi fil-parti taghha. Din il-possibilita` ma tistax tavvera ruhha minhabba l-fatt illi issa r-ragel apertament u b'mod sfaccat jinstab fil-kumpannija ta' mara ohra."

31. Barra minn hekk, il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinjora dak li gie verbalizzat fis-seduta peritali tat-3 ta' Ottubru 2012[28] dwar il-valur moghti mill-partijiet lill-fond matrimonjali ghall-finijiet ta' bejgh tal-istess fond, liema bejgh il-partijiet jidhru li kienu propensi li jerqsu ghalih.

32. Dawn iz-zewg kunsiderazzjonijiet wahedhom, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma sufficjenti biex jissorvolaw kull nozzjoni ta' "qbil" li xi darba seta' kien hemm bejn il-partijiet dwar id-divizjoni fizika tal-fond matrimonjali.

33. Barra minn hekk, fl-isfond tal-ilment tal-attrici li l-ewwel Qorti kellha taddotta l-konkluzjonijiet tar-rapport peritali, huwa pacifiku fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti illi l-konkluzjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova ghall-Qorti[29]. Ghalhekk, il-Qorti ma hijiex marbuta li taccetta konkluzjonijiet teknici tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinzjoni taghha stess jekk il-konvinzjoni kontrarja tkun:-

> "… ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami. ("**Philip Grima –v.- Carmelo Mamo et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1998)".[30]

[28] A fol. 441.
[29] Artikolu 644 tal-Kapitolu 12.
[30] Citata

34. F'dan il-kaz certament ma jirrizultax li l-ewwel Qorti skartat il-konkluzjoni tal-perit minnha mahtura, arbitrarjament u bla raguni. Infatti, ma jidhirx illi f'dan il-kaz, il-hatra tal-perit tekniku AIC Alan Saliba[31] saret fl-isfond ta' pozizzjonijiet kompletament divergenti tal-partijiet dwar id-divizjoni komoda o meno tal-fond matrimonjali, izda saret sabiex tiggwida lill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha dwar il-mod l-iktar fattibbli ghal-likwidazzjoni ta' dan l-assi immobiljarji formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Infatti, kif stabbilit, iz-zewg partijiet, matul il-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, filwaqt illi qatt ma cahdu li l-fond matrimonjali huwa komodament divizibbli, bidlu iktar minn darba l-pozizzjoni taghhom dwar jekk il-Qorti ghandhiex tordna d-divizjoni jew il-bejgh tal-istess fond. Jigi osservat appuntu illi f'ebda wahda mit-talbiet attrici l-Qorti ma giet mitluba tiddikjara jekk il-fond matrimonjali tal-partijiet huwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet f'ishma ugwali u fin-nuqqas biss, tordna l-bejgh tieghu. Del resto, il-Qorti ghandha is-setgha illi tiggudika hi kif ghandha ssir il-likwidazzjoni tal-komunjoni fl-ahjar interess tal-partijiet jew tal-parti rebbieghha, u mhijiex marbuta illi tordna d-divizjoni fizika tal-fond matrimonjali.

35. Finalment, ghar-rigward l-ilment tal-attrici illi l-ewwel Qorti stabbiliet il-prezz tal-bejgh tal-fond matrimonjali fuq is-suq hieles fil-valuri msemmija fis-sentenza appellata, liema valuri huma ferm inferjuri

---

[31] Udjenza tat-22 ta' Ottubru 2013.

mill-prezzijiet attwali, jigi osservat illi ghajr ghall-qbil registrat mill-partijiet quddiem il-Perit Legali fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012, il-partijiet ma ressqu l-ebda prova dwar il-valur tal-fond fuq is-suq hieles. Huwa minnu li l-Perit Tekniku Alan Saliba ma nghatax l-inkarigu ulterjuri illi jaghmel valutazzjoni tal-prezz tal-fond matrimonjali fuq is-suq hieles fir-relazzjoni tieghu, izda dan jidher li ma sarx appuntu ghaliex il-partijiet kienu diga` indikaw il-qbil taghhom rigward il-prezz. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata illi tistrieh fuq dikjarazzjoni kongunta tal-partijiet rigward il-prezz maqbul bejniethom ghall-bejgh tal-fond *de quo*. In-nuqqas ta' prova ohra sussegwenti dwar il-valur tal-fond *de quo*, hija nuqqas tal-partijiet u mhux tal-Qorti u ghalhekk mhux gustifikat kull ilment tal-attrici illi ser tigi mcahhda mid-drittijiet taghha bhala proprjetarja.

36. Ghaldaqstant, dan it-tieni aggravju wkoll ma huwiex gustifikat u qed jigi michud.

It-Tielet Aggravju

37. L-attrici tilmenta finalment illi l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt illi tordnalha tivvaka mill-fond matrimonjali fi zmien tliet xhur. Ghal ragunijiet totalment differenti minn dawk vantati mill-istess attrici fir-rikors ta' l-appell taghha, din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi, partikolarment il-fatt illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi l-bejgh tad-dar matrimonjali ghandu

jsir fuq is-suq hieles bil-prezzijiet stabbiliti fi zmien sena mil-lum, dan l-aggravju tal-attrici huwa gustifikat inkwantu ma jidhirx li jezistu l-estremi sabiex l-attrici tigi ordnata li tivvaka d-dar matrimonjali qabel effettivament isir il-bejgh tal-fond fuq is-suq hieles jew fin-nuqqas bil-procedura tas-subbasta. In effetti, lanqas ma jirrizulta li l-konvenut qatt talab lill-Qorti illi l-attrici ghandha tigi ordnata tivvaka mid-dar matrimonjali, oltre ghall-fatt illi huwa ilu diversi snin nieqes mill-istess fond u f'ebda mument ma lmenta bl-okkupazzjoni tal-istess dar mill-attrici.

38. Ghaldaqstant, dan l-aggravju hu fondat fis-sens li l-attrici ghandha tivvaka d-dar matrimonjali definittivament u immedjatament appena jsir il-bejgh tal-istess fond kif ordnat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, izda mhux qabel.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attrici billi, filwaqt illi tilqghu inkwantu ghat-tielet aggravju, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata billi tordna illi l-attrici ghandha tivvaka l-fond matrimonjali kif appena jsir il-bejgh tal-istess fond kif ordnat fis-sentenza appellata, tichdu ghall-kumplament u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell ikunu a karigu tal-attrici inkwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] fil-waqt li r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] ikunu a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld